

Ir-Reverendissmu
P. Erminju Roncari, O.F.M.
Fl-14 ta' Mejju li għadda
ġie magħżul
Kustodju ta' l-Art Imqaddsa
Mid-Definitorju Ġenerali
Ta' l-Ordni
U kkonfirmat
Mis-S. Kongregazzjoni
"De Propaganda Fide".



Il-Ħmistax-il-Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1969 | Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

**QARI**
**LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR**
**MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU**
**F'MALTA**

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Il-Ħmistax-il-Sena LULJU - SETTEMBRU, 1969 Għadd 3

X'FIH DAN IL-GĦADD

IN-NAR TAĦT L-IRMIED (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... 65

**L-EWWEL TAQSIMA — DAWL**

Sura Biblika ... ... ... ... ... ... ... ... ... 66
L-istudju Bibliku Franġiskan f'Ġerusalemm ... ... ... ... 70
Iċ-Ċirkumċiżjoni fil-Bibbja ... ... ... ... ... ... ... 74
Fejn mietet il-Madonna (P.M. Catania O.F.M.) ... ... .. 78
Santa Catarina ta' Lixandra (P.G. Governanti O.F.M.) ... ... 83
Min kienet il-Penitenta? (F. Norbert Ellul Vincenti O.F.M.) ... ... 85

**IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA**

Il-Konsagrazzjoni u l-ftuħ tal-Bazilka l-Ġdida ta' Nazzaret ... ... 88
Pawlina tal-Markizi de Nikolay ... ... ... ... ... ... 91
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 94
Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# In-Nar Taht L-Irmied

*Sa minn żmien ilu, fil-Lvant Nofsani kien jidher in-"nar jaqbad taħt l-irmied.' Kull tant żmien, xi xrara jew suffarell kien jittajjar 'l hawn u 'l hinn, li wisq drabi kien iħasseb ħażin lil ħafna, u li kien donnu jrid iġarraf lill-bnedmin — ifakkarhom li hu għadu hemm — sabiex, kemm jista' jkun ma jilgħabux man-nar u bla telf ta' żmien jitajru u jferrxu mar-riħ u rmied u ġamar ukoll. Iżda, jaħasra! dawk li kellhom id-dmir u setgħu jwettqu dan, ma ridux jew aktarx ma għarfux it-tifsir heddiedi ta' dawk ix-xrariet imtajra kultant 'il hawn u 'l hinn. Kienu ħasbu aktarx u fehmu li dak in-nar moħbi taħt l-irmied jista' jiswa biex ma jħallix tibred il-politika li huma kienu fasslu, u jgħinhom biex f'xi ħin jkunu jistgħu jwettquha. Kienu nsew dawn li hu ta' tiġrib tilgħab man-nar, ukoll jekk dan moħbi taħt l-irmied. U n-nar lagħabhom: ħadilhom b'idejhom!*

*Mhux iżjed xrar jew suffarelli; mhux aktar nar moħbi taħt l-irmied! Nar tassew, nar ħaj; nar heddiedi mistenni jinfirex daqs leħħa ta' berqa; nar qerriedi li jħarbat, iġarraf u jiknes kulma jsib quddiemu. Xegħel u qabad fuq ix-xtut ta' l-Afrika u ta' l-Asja, imqanqal minn mibegħda qadima u ġdida, ihedded li jiżra' ma' kull fejn jista' l-qirda u l-mewt. Hekk hi dejjem kull taqbida: regħba, tqarriq, egojiżmu, tpattija . . . .*

*Aħna ma nħabblux rasna fuq il-politika, u wisq anqas fuq il-wirjiet u x-xeni qarrieqa jew sinċiera, li biħom tinżamm: nistqarru li aħna nżommu ruħna wisq 'il fuq minn din il-ħaġa. Dak imma li jolqotna u dak li jħabbtilna rasna hu, kif il-ħażen, il-qerq u n-nuqqas ta' ħaqq ta' qabda nies politiċi jistgħu jkunu l-kawża ta qirda u ta' mewt, u li l-għatx u x-xenqa tagħhom li jistagħnew tiegħed f'tiġrib kbir il-għaqda u s-sliema ta' popli u ta' ġnus sħaħ. U sakemm, jaħasra! il-bnedmin għandhom joqgħodu għar-rieda u għar-rewwixti boloh ta' qabda nies xewwiexa ta' bla ebda emmna u ta' bla ebda ġieh? Sakemm, iva, il-qawwa u s-setgħa ta' ftit għandha tkun mibnija fuq il-mejtin u magħġuna bid-demm ta' wlied il-Mulej?*

*U l-aqwa tħassib u biża' tagħna hu li n-nar diġa mqabbad u heddiedi jaqa' fuq il-Palestina: art qadima, imqaddsa u maħqura. Il-Palestina, art qaddisa, magħqad ta' emmna u ta' mħabba, li lejha jħarsu bħala fanal jixgħel ta' spiritwalità u ta' sliema, miljuni ta' nsara, ta' misilmin u ta' Lhud.*

*Jagħmel il-Mulej, li fuq din l-art — li fiha twieled, għix u miet — il-bnedmin iwarrbu l-mibegħda, jagħarfu lilhom infushom bħala aħwa, jieħdu b'idejn xulxin, u b'hekk, jintefa dak in-nar qerriedi u mferrex mar-riħ, kull xrar u rmied heddiedi. — "Fac sit Deus!"*

*ID-DIREZZJONI.*